Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Awissu 2003

li tapprova programmi li għandhom l-għan li jinkiseb l-istatus ta' żoni approvati u ta' rziezet approvati f'żoni li m'humiex approvati fir-rigward ta' *viral haemorrhagic septicaemia* (VHS) u *infectious haematopoietic necrosis* (IHN) fil-ħut

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 3101)

(Test b'relevanza għall-ŻEE)

(2003/634/KE)

(ĠU L 220, 3.9.2003, p. 8)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/904/KE tal-15 ta' Diċembru 2003	L 340	69	24.12.2003
►**M2**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/328/KE tal-5 ta' April 2004	L 104	129	8.4.2004
►**M3**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/67/KE tat-28 ta' Jannar 2005	L 27	55	14.10.2005
►**M4**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/414/KE tat-30 ta' Mejju 2005	L 141	29	12.12.2006
►**M5**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/770/KE tat-3 ta' Novembru 2005	L 291	33	12.12.2006
►**M6**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/685/KE tas-6 ta' Ottubru 2006	L 282	44	5.6.2007
►**M7**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/570/KE ta' l-20 ta' Awwissu 2007	L 217	36	22.8.2007

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Awissu 2003

li tapprova programmi li għandhom l-għan li jinkiseb l-istatus ta' żoni approvati u ta' rziezet approvati f'żoni li m'humiex approvati fir-rigward ta' *viral haemorrhagic septicaemia* (VHS) u *infectious haematopoietic necrosis* (IHN) fil-ħut

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 3101)

(Test b'relevanza għall-ŻEE)

(2003/634/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tikkonċerna l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta' annimali u prodotti ([1]) ta' l-akwakultura, l-aħħar emendata bid-Direttiva 98/45/KE(2), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 ([2]) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 91/67/KEE Stat Membru jista' jissottometti lill-Kummissjoni programm maħsub biex jippermettilu sussegwentement jibda l-proċeduri biex żona jew farm f'żona li m'hix approvata jiksbu l-istatus ta' żona approvata jew farm approvat f'żona mhux approvata, fir-rigward ta' waħda jew aktar mill-mardiet tal-ħut *viral haemorrhagic septicaemia* (VHS) and *infectious haematopoietic necrosis* (IHN).

(2) Ċerti Stati Membri issottomettew programmi bħal dawn, li ġew approvati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/304/EC ([3]), l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/376/KE ([4]).

(3) B'ittri iddatati t-12 ta' Marzu 2003 u t-12 ta'Ġunju 2003, l-awtorità veterinarja tal-Finlandja talbet emenda għall-programm elenkat fl-Anness I(6B) tad-Deċiżjoni 2002/304/KE. Sabiex tipproteġi l-ispeċi vulnerabbli tas-salamun Baltiku (Salmo salar), it-trota tal-baħar (Salmo trutta m trutta) u l-ispeċi fil-ġeneru Coregonus (Coregonus lavaretus lavaretus), l-istokkjar mill-ġdid fix-Xmara Kymijoki u fix-Xmara Summanjoki huwa neċessarju. Il-Finlandja ssottomettiet emendi għall-programm tagħha li jipprovdu għat-trasferiment ta' bajd ħaj minn ħut salvaġġ miż-żona ta' restrizzjoni Pyhtää sakemm jittieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiġi żgurat li l-bajd huwa ħieles mill-VHS u IHN. Id-delimitazzjoni taż-żona stabbilita fl-Anness 1 tad-Deċiżjoni 2002/304/KE ma titbiddilx.

(4) B'ittra ddatata l-4 ta' Marzu 2003, l-awtorità veterinarja ta' l-Italja proponiet emenda għall-programm indikat f'punt 5.1 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 2002/304/KE. Sabiex tgħolli l-livell ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' ħut fiż-żona koperta mill-programm, troti ħajjin u ħut ieħor destinat għal ristoranti għal konsum dirett u troti ta' ħafna kuluri maħsubin biex jiġu introdotti f'ċerti lagi artifiċjali jew ilmijiet tas-sajd, iridu jiġu minn farms jew żoni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-VHS u IHN.

([1]) ĠU L 189, tat-03.07.98, p. 12.
([2]) ĠU L 189, tat-03.07.98, p. 12.
([3]) ĠU L 104, ta' l-20.04.02, p. 37.
([4]) ĠU L 130, tas-27.05.03, p. 21.

▼B

Id-delimitazzjoni taż-żona stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2002/304/KE ma titbiddilx.

(5) L-emendi sottomessi instabu konformi ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/67/KEE u għalhekk għandhom jiġu approvati.

(6) Id-Deċiżjoni 2002/304/KE ġiet emendata diversi drabi.. Fl-interess ta' ċarezza u razzjonalità, din għandha tiġi revokata u sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(7) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjono tal-Kumitat Permanenti għall-Katina ta' l-Ikel u s-saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-programmi elenkati fl-Anness I, sottomessi skond l-Artikolu 10 (1) tad-Direttiva 91/67/KEE għall-għan li jinkiseb l-istatus ta' żona approvata fir-rigward ta' waħda jew aktar mill-mardiet tal-ħut *viral haemorrhagic septicaemia* (VHS) u *infectious haematopoietic necrosis* (IHN), huma b'dan approvati.

2. Il-programmi elenkati fl-Anness II, sottomessi skond l-Artikolu 10 (1) tad-Direttiva 91/67/KEE għall-għan li jinkiseb l-istatus ta' farm approvat f'żona mhux approvata fir-rigward ta' waħda jew aktar mill-mardiet tal-ħut VHS u IHN, huma b'dan approvati.

Artikolu 2

L-stati Membri konċernati għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d- dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-programmi approvati.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2002/304/KE hija abrogata permezz ta' din Deciżjoni.

Referenzi għad-Deċiżjoni abrogata għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M7

ANNESS I

PROGRAMMI SOTTOMESSI BIL-GĦAN LI JINKISEB L-ISTATUS TA' ŻONA APPROVATA B'RABTA MA' WAĦDA JEW AKTAR MILL-MARDIET TAL-ĦUT TAL-VHS U L-IHN

1. *ID-DANIMARKA*

IL-PROGRAMMI SOTTOMESSI MID-DANIMARKA FIT-22 TA' MEJJU 1995 LI JKOPRU:

— Il-wesgħa ta' FISKEBÆK Å

— IL-PARTIJIET KOLLHA TA' JUTLAND in-nofsinhar u l-punent tal-wesgħat ta' Storåen, Karup å, Gudenåen u Grejs å

— Iż-żoni kollha tal-GŻEJJER DANIŻI

2. *IL-ĠERMANJA*

IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ĠERMANJA FIL-25 TA' FRAR 1999 LI JKOPRI:

— Żona fil-wesgħa ta' l-ilma ta' "OBERN NAGOLD"

3. *L-ITALJA*

3.1. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦALL-PROVINĊJA AWTONOMA TA' BOLZANO FIS-6 TA' OTTUBRU 2001 EMENDAT B'ITTRA TAS-27 TA' MARZU 2003, LI JKOPRI:

Żona Provinċja ta' Bolzano

— Iż-żona tinkludi l-wesgħa ta' l-ilma kollha fil-Provinċja ta' Bolzano.

Iż-żona tinkludi l-parti tan-naħa ta' fuq taż-ŻONA VAL DELL'ADIGE jiġifieri l-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Adige mill-bidu tagħha fil-Provinċja ta' Bolzano sal-limiti tal-Provinċja ta' Trento.

(NB: Iż-żona li jibqa', il-parti tan-naħa ta' isfel taż-ŻONA VAL DELL'ADIGE tidħol fil-programm approvat tal-Provinċja Awtonoma ta' Trento. Il-partijiet tan-naħa ta' fuq u tan-naħa ta' isfel ta' din iż-żona jridu jitqiesu bħala unità waħda epidemjoloġika.)

3.2. IL-PROGRAMMI SOTTOMESSI MILL-ITALJA GĦALL-PROVINĊJA AWTONOMA TA' TRENTO FIT-23 TA' DIĊEMBRU 1996 U FL-14 TA' LULJU 1997 LI JKOPRU:

Żona Val dell'Adige – il-parti ta' isfel

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Adige u l-għejjun tagħha li jinsabu fit-territorju tal-Provinċja Awtonoma ta' Trento, mit-tarf tal-Provinċja ta' Bolzano sa l-ilqugħ ta' Ala (l-impjant ta' l-enerġija idroelettrika).

(NB: Il-parti tan-naħa ta' fuq taż-ŻONA VAL DELL'ADIGE tidħol fil-programm approvat tal-Provinċja ta' Bolzano. Il-partijiet tan-naħa ta' fuq u tan-naħa ta' isfel ta' din iż-żona jridu jitqiesu bħala unità waħda epidemjoloġika.)

Żona Torrente Arnò

— Il-wesgħa ta' l-ilma mill-bidu tax-xmajra Arnò għall-ilqugħ iktar 'l isfel, ħdejn il-ponta fejn ix-xmajra Arnò tferragħ fix-xmara Sarca.

Żona Varone

— Il-wesgħa ta' l-ilma mill-bidu tax-xmajra Magnone sal-kaskata

Żona Alto e Basso Chiese

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Chiese mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ Condino, barra l-wesgħat tax-xmajra Adanà u Palvico.

Żona Torrente Palvico

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmajra Palvico sa l-ilqugħ tal-konkrit u tal-ġebla

▼M7

3.3. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAL-VENETO FIL-21 TA' FRAR 2001 LI JKOPRI:

Iż-Żona Torrente Astico

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Astico, mill-bidu tagħha (fil-Provinċja Awtonoma ta' Trento u fil-Provinċja ta' Vicenza, ir-Reġjun tal-Veneto) sa l-ilqugħ li jinsab qrib il-pont Pedescala fil-Provinċja ta' Vicenza.

Il-parti ta' isfel tax-xmara Astico, bejn l-ilqugħ qrib il-pont Pedescala u l-ilqugħ ta' Pria Maglio, għandha titqies bħala żona ta' protezzjoni.

3.4. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TA' L-UMBRIA FL-20 TA' FRAR 2002 LI JKOPRI:

Żona Fosso de Monterivoso:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Monterivoso, mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ ta' Ferentillo.

3.5. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAT-TOSKANA FIT-23 TA' SETTEMBRU 2004 LI JKOPRI:

Iż-Żona Valle di Tosi:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Vicano di S. Ellero mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ f'Il Greto ħdejn ir-raħal ta' Raggioli

3.6. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAT-TOSKANA FIT-22 TA' NOVEMBRU 2005 LI JKOPRI:

Il-Bacino del Torrente Taverone:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Taverone, mill-bidu tagħha sa' l-ilqugħ 'l isfel mill-istabbiliment ta' l-akkwakultura "Il-Giardino"

3.7. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAL-PIEMONTE FIT-2 TA' FRAR 2006 LI JKOPRI:

Iż-Żona Valle Sessera:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Sessera mill-bidu tagħha sa' l-ilqugħ "Ponte Granero" filo-muniċipalità ta' Coggiola

3.8. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAL-LOMBARDIJA FIL-21 TA' FRAR 2006 LI JKOPRI:

Iż-Żona Valle del Torrente Bondo:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Bondo, mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ ta' Vesio

3.9. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAL-LOMBARDIJA FIL-22 TA' MEJJU 2006 LI JKOPRI:

Iż-Żona Fosso Melga – Bagolino:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Fosso Melga mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ fejn Fosso Melga titbattal fix-xmara Caffaro

4. *IL-FINLANDJA*

4.1. IL-PROGRAMM GĦALL-ĦELSIEN MILL-VHS INKLUŻI MIŻURI TA' QERDA SPEĊIFIĊI DESKRITTI MILL-FINLANDJA PERMEZZ TA' ITTRI TAS-27 TA' MARZU 2002 U TA' L-4 TA' ĠUNJU 2002, TAT-12 TA' MARZU 2003, TAT-12 TA' ĠUNJU 2003 U TA' L-20 TA' OTTUBRU 2003 LI JKOPRI:

— il-Provinċja ta' Åland

— iż-żona ta' restrizzjoni f'Pyhtää

— Iż-żona ta' restrizzjoni li tkopri l-ibliet ta' Uusikaupunki, Pyhäranta u Rauma

5. *IR-RENJU UNIT*

5.1. IL-PROGRAMM GĦALL-ĦELSIEN MILL-VHS SOTTOMESS MIR-RENJU UNIT FIT-28 TA' MARZU 2007 LI JKOPRI:

▼**M7**

— Ix-xmara Use mis-sorsi tagħha għal limitu normali tal-Marea f'Naburm Lock u Weir

▼M7

ANNESS II

PROGRAMMI SOTTOMESSI BIL-GĦAN LI JINKISEB L-ISTATUS TA' STABBILIMENTI TA' AKKWAKULTURA APPROVATI F'ŻONI LI MHUMIEX APPROVATI B'RABTA MA' WAĦDA JEW AKTAR MILL-MARDIET TAL-ĦUT TAL-VHS U L-IĦN

1. *L-ITALJA*

1.1. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦALL-PROVINĊJA TA' UDINE FIR-REĠJUN TAL-FRIULI VENEZIA GIULIA, FIT-2 TA' MEJJU 2000 LI JKOPRI:

Stabbilimenti ta' akkwakultura fil-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Tagliamento:

— Azienda Vidotti Giulio s.n.c., Sutrio

1.2. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAL-KALABRIJA FIL-11 TA' JANNAR 2007 LI JKOPRI:

Stabbilimenti ta' akkwakultura fil-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Noce:

— Pietro Forestieri-Tortora (CS) Loc. S. Sago.